

Paġna ewlenija>Flus/Talbiet monetarji>Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea

Dñul

Liema tariffi huma applikabbli?

Kemm se nħallas?

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qrati fil-ħin?

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qrati?

X'nagħmel wara l-ħlas?

Dñul

It-tariffi tal-qorti applikabbli fil-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea huma pprovduti fl-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti Slovena (*Zakon o sodnih taksah*) (*Uradni list RS* (Gazzetta tar-Repubblika tas-Slovenja) Nri 37/08, 97/10, 63/13, 58/14 — Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 19/15 — Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, 30/16 u 10/17-ZPP-E (Att li Jemenda l-Att dwar il-Proċedura Ċivili); minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: iż-ZST-1), il-liġi ġenerali dwar it-tariffi tal-qrati.

Iż-ZST-1 (Artikolu 6) jipprovdni bażi legali għall-ħlas ta' tariffi tal-qorti bl-użu ta' flus kontanti, flus elettroniċi u mezzi oħra validi ta' ħlas, li japplika wkoll għall-ħlas ta' tariffi skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea. Fil-prattika, it-tariffi tal-qorti jistgħu jiġihallu elettronikament permezz tas-servizzi ta' ħlas bl-internet ta' banek individwali.

Liema tariffi huma applikabbli?

Skont il-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea, tariffa ta' darba tal-qorti tapplika għall-proċedimenti kollha. Il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-tariffa tal-qrati huwa r-rikorrent, u l-ħlas għandu jsir fil-ħin tal-preżentazzjoni tar-rikors dwar l-ordni ta' ħlas Ewropea lill-qorti.

Kemm se nħallas?

L-ammont tat-tariffa tal-qrati skont il-proċedura tal-ordni ta' ħlas Ewropea li r-rikorrent irid iħallas meta jippreżenta rikors lill-qorti jiddependi fuq il-valur tat-talba.

Il-kwozjent hija 1,2 (l-intestatura tariffarja 1301 tat-tariffa tal-miżata skont iż-ZST-1), u t-tariffa tiġi kkalkulata skont it-tabella pprovduta fl-Artikolu 16 taz-ZST-1. Peress li hemm ħafna klassijiet ta' valur, dawn kollha ma jistgħux jiġu elenkati hawnhekk fid-dettall.

X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qrati fil-ħin?

Jekk ir-rikorrent jonqos milli jħallas it-tariffa tal-qrati fil-ħin, il-qorti xorta waħda twettaq il-proċedimenti, u t-tariffa tal-qrati mbagħad tiġi infurzata fejn meħtieġ.

Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qrati?

Iż-ZST-1 (Artikolu 6) jipprovdni bażi legali għall-ħlas ta' tariffi tal-qorti bl-użu ta' flus kontanti, flus elettroniċi u mezzi oħra validi ta' ħlas, li japplika wkoll għall-ħlas ta' tariffi skont il-proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea.

Fil-prattika, it-tariffi tal-qrati jistgħu jiġihallu elettronikament permezz tas-servizzi ta' ħlas bl-internet ta' banek individwali, jew jistgħu jiġihallu direttament permezz tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jew tal-kaxxier tal-qorti (bl-użu ta' flus kontanti jew terminal POS).

Kull bank għandu s-servizz ta' pagament tal-web tiegħu stess biex isiru l-pagamenti elettroniċi.

Il-persuna responsabbli tista' tħallas it-tariffa tal-qrati minn qabel, jiġifieri mal-preżentata tar-rikors għall-ftuħ ta' proċedimenti fil-qorti, jew tista' tippreżenta r-rikors lill-qorti u tistenna li l-qorti tibgħatlu avviż ta' ħlas bl-ammont applikabbli u d-*data* l-oħra kollha meħtieġa biex tagħmel il-pagament.

X'nagħmel wara l-ħlas?

Jekk tiħallas it-tariffa tal-qrati billi jiġi indikat in-numru ta' referenza xieraq (ikkomunikat lill-persuna responsabbli mill-avviż dwar il-ħlas), il-persuna responsabbli ma tkunx meħtieġa tipprovdni lill-qorti bi kwalunkwe evidenza ta' ħlas. F'każijiet bħal dawn, il-qorti tiġi nnotifikata dwar il-pagament permezz ta' sistema bankarja elektronika speċjali (UJPnet), fejn in-numru ta' referenza korrett huwa deċiżiv fir-rikonoxximent ta' pagamenti individwali.

Madankollu, jekk it-tariffa tal-qrati tiħallas mingħajr ma jiġi indikat in-numru ta' referenza xieraq, il-persuna responsabbli trid tissottometti ċertifikat ta' ħlas lill-qorti. Ma hemmx kundizzjonijiet formali speċjali dwar il-validità ta' dan iċ-ċertifikat. Abbażi ta' tali ċertifikat, il-qorti, jekk ikun meħtieġ, tivverifika l-ħlas tat-tariffa tal-qrati fuq il-pjattaforma UJPnet (b'mod partikolari meta t-tariffa tal-qrati ma tiħallasx permezz tal-kaxxier tal-qorti).

L-aħħar aġġornament: 01/04/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.